MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Talba Numru. 1328/2004

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Rita Farrugia**

**It-Tribunal,**
Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta Gunju 2004 fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u tlieta u ghoxrin lira u dsatax-il centezmu (Lm223.19) rapprezentanti bilanc ta prezz ghal servizzi rezi skond client contract number 8414 ghax-xhur bejn Gunju u Settembru tas-sena 2003;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 30 ta Marzu 2003 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li minn issa tinsab ngunta ghas-subizzjoni;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;
Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma mitluba ta' mitejn u tlieta u ghoxrin lira u dsatax-il centezmu bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-precitata ittra ufficcjali u bl-ispejjez ta' dina l-istanza a karigu tal-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------